MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' April, 2011

Numru. 1233/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Paul Dalli**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Dalli ta' 38 sena imwieled fl-01 ta' Frar 1970, iben Daniel u Vincenza nee' Cachia, imwieled Pieta' u residenti 'Maria Bambina', Triq San Gwann, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' 85870M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fis-17 ta' Settembru 2008 ghall-habta tas-18 :00hrs gewwa ghalqa li tinsab fl-indirizz 'Farm House', Triq l-

Immakulata Kuncizzjoni Benghajsa, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brandon Spiteri minn Birzebbuga, skond kif iccertifikat Dr. Joyce Aquilina MD mill-Isptar Mater Dei ;

2. Fl-istess data, lok u hin ikkaguna hsara fil-gisem u fis-sahha billi kkaguna feriti ta' natura hfief fuq George Spiteri skond kif iccertifikat Dr. Joyce Aquilina MD mill-Isptar Mater Dei ;

3. Fl-istess data, lok u hin ikkommetta attentat ta' feriti ta' natura gravi fuq George Spiteri ;

4. Fl-istess data, lok u hin uza vjolenza sabiex igieghel lil George Spiteri jonqos milli jerga jmur fl-ghalqa privata tieghu li tinsab fl-indirizz 'Farm House', Triq il-Kuncizzjoni, Benghajsa ;

5. Fl-istess data, lok u hin hebb kontra George Spiteri u Brandon Spiteri sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom il-hsara ;

6. Fl-istess data, lok u hin ingurja u hedded lil George Spiteri.

Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' George Spiteri u Brandon Spiteri.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Jannar 2009(esebit a folio 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' April, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:
Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw argument ta’ natura familjari li nqala’ fis-17 ta’ Settembru 2008 fi Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Benghajsa, Birzebbuga liema argument inqala’ bejn l-imputat u l-parti ciivili George Spiteri li huwa r-ragel ta’ oht l-imputat u kien jirrigwarda xi cnagen li nqalghu f’hajt divizorju ta’ ghalqa. Mill-provi rrizulta li f’dan l-argument Brandon Spiteri, iben Gerorge Spiteri, li ghandu hmistax-il sena, sofra griehi ta’ natura gravi skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit a fol. 17 u George Spteri sofra griehi ta’ natura hafifa skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku inserit a fol. 18 tal-atti processwali.

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konfliggenti dwar dak li effettivament gara dakinhar tal-incident. Il-parti civli George Spiteri[1] u Brandon Spiteri[2] min-naha l-wahda jsostnu li l-imputat Paul Dalli kecca lil George Spiteri mill-ghalqa u hebb ghalihom u kkagunalhom il-griehi ndikati fic-certifikati medici  li inghataw lill-Ufficjal Prosekutur filwaqt li min-naha l-ohra l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 19 sa 21 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Frar 2010 sostna li huwa kien qieghed fl-ghalqa tieghu meta sema’ lil George Spiteri ikellem lil missieru Daniel Dalli u jistaqsih min kien ‘il-p..ta li waqqalu l-hajt’ L-imputat jghid li meta huwa mar jara x’gara Spiteri ippunt lejh u qalu ‘ela int kont’  mbaghad hebb ghalih billi xejjirlu daqqa ta’ ponn u mbuttah. L-imputat jghid li huwa spicca sabiex waqa’ fuq Brandon Spiteri li kien warajh u kien ghal din ir-raguni li Brandon Spiteri wegga. L-imputat innega li huwa f’xi hin hebb u beda’ jsawwat lil Brandon Spiteri u sostna li kien l-istess George Spiteri li hebb ghalih u mhux vice versa.

[1] Li xehed waqt l-udjenza tat-3 ta’ april 2009.
[2] Li xehed waqt l-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2009.

Ikkunsidrat:

Illi waqt l-udjenza tat-3 ta’ April 2009 id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni trimestrali in kwantu jirrigwarda t-tieni, ir-raba’, il-hames u s-sitt imputazzjoni. Mill-atti jirrizulta li l-incident mertu tal-kawza sehh fis-17 ta’ Settembru 2008 u mill-verbal tal-udjenza tat-30 ta’ Jannar 2009 jirrizulta li sa dik id-data l-imputat kien ghadu ma giex notifikat bic-citazzjoni izda biss bl-avvsio di comparire. Jidher ghalhekk li r-raba’, il-hames u s-sitt imputazzjoni li lkoll huma ta’ natura kontravenzjonali huma preskritti bil-preskrizzjoni ta’ tlett xhur stabbilita fl-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali. L-istess haga ma tistghax tinghad ghat-tieni imputazzjoni stante li permezz ta din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ser tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-imputat limitatament in kwantu jirrigwarda ir-raba, il-hames u s-sitt imputazzjoni u sejra ghalhekk tiddikjara l-azzjoni bhala estinta in kwantu jirrigwarda dawn it-tlett imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Kif intqal aktar ‘il fuq il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar kif sehh l-incident mertu tal-kawza. Ghalkemm huwa minnu li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat, fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li kien l-istess parti civili George Spiteri li hebb ghalih u mbuttah ghal fuq Brandon Spiteri li nzerta kien warajh u li ghalhekk Brandon Spiteri wegga b’mod ghal kollox accidentali meta l-imputat waqa’ fuqu wara li kien gie imbuttat minn missier Brandon, u cioe’ George Spiteri. Il-Qorti jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat Paul Dalli hija ferm aktar kredibbli ghal diversi ragunijiet li huma is-segwenti:-

1. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat hija pjenament korroborata minn zewg xhieda okulari u cioe’ minn Censina Dalli u minn Daniel Dalli[3].

---

[3] Li t-tnejn xedhu waqt l-udjenza tal-29 ta Marzu 2010.

2. Brandon Spiteri a tempo vergine, u cioe' meta kellem lil Pulizija li nvestiga l-kaz (vide xhieda ta' PS 1227 Malcolm Pace traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 22 sa 26 tal-atti processwali) ta verzjoni ghal kollox differenti minn dik li ta meta xehed quddiem din il-Qorti. A tempo vergine fil-fatt Brandon Spiteri ikkorobora il-verzjoni moghtija mill-imputat fejn qal li huwa spicca sabiex wegga meta l-imputat gie imbuttat minn missieru ghal fuqu.
3. L-atteggjament kemm ta' George Spiteri kif ukoll ta' ibnu Brandon Spiteri fuq il-pedana tax-xhieda halla dubji serji dwar il-kredibilita' ta' dawn ix-xhieda.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1), it-tieni(2) u t-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet. Wara li rat l-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-Difiza in kwantu jirrigwarda r-raba'(4), il-hames(5) u s-sitt(6) imputazzjoni u kwindi tiddikjara l-azzjoni bhala estinta in kwantu jirrigwarda dawn l-imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------